MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 300/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo sive Charles Dingli**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva fuq talba tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika kontra Carmelo sive Charles Dingli talli fid-29/9/94, 14/9/94 u 19/9/94 fil-Belt (26 Xatt Laskaris), biegħ ħwejjeġ ta' l-ikel

(tinned cooked chopped ham) għall-konsum mill-bniedem li ma kellux dikjarat fuq2 it-tikketta d-data ta' l-inqas durabilita`, u wkoll biegħ, offra jew espona għall-bejgħ għall-konsum mill-bniedem, jew iddepożita għand, jew ikkonsenja lil, xi persuna, jew kellu fil-pussess tiegħu jew iddepożita jew żamm f'maħżen ta' arja kiesħa jew refrigerator għall-bejgħ jew għall-preparazzjoni tal-bejgħ għall-konsum mill-bniedem, xi ħwejjeġ ta' l-ikel li huma jew li jkunu saru ta' ħsara għas-saħħa jew li jkunu ħżienu, saru mhux tajbin, mhux potenti jew xorta oħra mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem.

Il-Qorti, barra milli tagħti l-piena, ġiet mitluba tordna s-sospensjoni tal-liċenzji kollha f'isem l-imsemmi Carmelo sive Charles Dingli għal perijodu ta' bejn xahar sa sitt xhur ;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Mejju 2012 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat ir-regolament 8(1)B(ii) ta' l-A.L. 65/92 u l-artikolu 6(1)(a) ta' l-Att XL/1972, 57 u 59l-artikoli 338(z), sabet lill-imsemmi Carmelo sive Charles Dingli ħati u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' €250 kif ukoll għall-ħlas lir-Reġistratur ta' l-ispejjeż għan-nomina ta' espert skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmelo sive Charles Dingli ppreżentat fil-11 ta' Ġunju 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tgħaddi biex tilliberah minn kull ħtija, piena u responsabbilta`;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; rat il-verbali tax-xiehda mismugħa minn din il-Qorti diversament komposta; rat id-dokumenti esibiti; semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tallum stess; ikkunsidrat:

**5.** L-ewwelnett irid jiġi osservat illi ċ-ċitazzjoni mertu tal-każ odjern jirrigwarda unikament "tinned cooked chopped ham". Dawn il-kliem f'parenteżi huma evidentement imniżżla sabiex l-appellant (allura imputat) seta' jkun jaf x'inhu l-prodott li dwaru kien qiegħed jiġi akkużat f'dawn il-proċeduri.

**6.** Issa, mix-xiehda ta' Clive Tonna, *senior principal environmental health officer*, jirriżulta illi kien daħal ilment mill-Isptar Monte Carmeli li kienu fetħu landa taċ-*chopped ham* u kien fiha xi tbajja' fuqha. Fis-7 ta' Settembru 1994 huwa aċċeda fl-Isptar Monte Carmeli, eleva kampjun u mar il-laboratorju bih. Bħala prodott kienet landa *chopped ham* tal-ħames kilo tad-ditta White Crown. Ix-xhud qal li ppreżenta r-riżultat ta' l-analiżi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Dak li jirriżulta li ppreżenta x-xhud f'dawn il-proċeduri, pero`, huwa r-riżultat dwar *"canned pork luncheon meat"* li rriżulta *"consistent with normal standards for this food item"*.

**7.** Xehdet ukoll Elvy Debono, *principal environmental health officer*, li wkoll qalet li kien hemm ilment mill-kċina ta' l-Isptar Monte Carmeli dwar xi *chopped ham*. Kienu ttieħdu xi kampjuni li qalet li rriżulta li kienu *"unfit for human consumption"* u li dan il-prodott kien importat mid-Ditta Reno Dingli tal-Belt Valletta. Hija ħadet kampjuni fit-12 ta' Settembru 1994, fl-14 ta' Settembru 1994 u fid-19 ta' Settembru 1994. Ma qalitx minn fejn kienet ħadet il-kampjuni. Qalet ukoll li ġew issiġillati 1,684 landa. L-analiżi tal-kampjuni għamlitha Rose Schembri, l-analista tad-Dipartiment. Din Rose Schembri ma ġietx prodotta sabiex tixhed fl-istadju ta' l-appell, u lanqas ma jirriżulta mill-atti li meta xehdet quddiem l-ewwel Qorti, hija esebiet l-analiżi tagħha.

**8.** Issa, mill-verbal li jinsab a fol 10 u 11 tal-proċess (format fotokopja), jirriżulta li dan il-verbal jitkellem dwar *"luncheon meat"* u mhux dwar *"chopped ham"*. Dakinhar tat-23 ta' Jannar 1996, pero`, jidher illi ġie nominat Dr Alfred Vella biex jeżamina u janalizza l-kampjuni esebiti. Jidher illi Dr Vella analizza kemm

*"luncheon meat"* kif ukoll *"chopped ham"*. Huwa nkontestat illi kontra l-istess appellant kien hemm aktar minn kawża waħda trattanti prodotti differenti.

**9.** Dwar iċ-*chopped ham* huwa kkonkluda li "huwa ma rriskontrax ħlief traċċi ta' diskolorazzjoni tal-wiċċ tal-metall tal-landa min-naħa ta' ġewwa. F'dan il-każ, peress li l-perżut kien imgeżwer f'borża tal-*plastic*, ma kienx hemm kuntatt dirett bejnu u bejn il-metall tal-kontenitur u hekk dan il-*plastic* kien jipproteġi lill-perżut minn xi prodotti ta' *corrosion* li setgħu jifformaw mill-metall tal-kontenitur.... il-livell ta' *sodium nitrite* misjub kien wieħed baxx, *on average*, inqas minn 5% tal-massimu li huwa permess fil-prodott waqt il-manifattura. Fl-opinjoni tal-esponent, il-prodott White Crown fil-kondizzjoni attwali tiegħu, m'għandux jiġi kkonsmat." Ir-rapport, pero`, sar fil-15 ta' Frar 1997, u dan dwar kampjuni elevati mill-espert fit-22 ta' Jannar 1997.

**10.** Issa, għal dak li jirrigwarda l-kampjuni ta' *chopped ham*, mir-rapport ta' l-espert jirriżulta illi dawn ġew elevati minn *lots* li kienu "issekwestrati fi stores f'26/27 Lascaris Wharf, Valletta ... proprjeta` tad-ditta Reno Dingli & Sons". Minn imkien ma jirriżulta illi l-laned li kienu nxtraw għall-użu fl-Isptar Monte Carmeli kienu jiffurmaw parti minn dawn il-*lots*. Difatti, jekk il-*lots* li jirreferi għalihom l-espert huma parti mill-konsenji li kienu jifformaw il-mertu tal-kawża **Carmelo sive Charles Dingli et pro et noe vs Kontrollur tad-Dwana et** definittivament deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Superjuri) fis-27 ta' Marzu 2009 b'eżitu favorevoli għall-atturi, l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant odjern ma jreġġux peress illi tali *lots*, għalkemm forsi fiżikament fil-pussess tiegħu, kienu ssekwestrati. Inoltre, kwantu għal dak elevat mill-Isptar Monte Carmeli, ma ġie esebit xejn quddiem l-ewwel Qorti, la kampjuni u lanqas analiżi. Lanqas ma saret xi prova skond il-liġi dwar jekk tali laned kellhomx tikketta bid-data ta' l-inqas durabilita`.

**11.** F'dawn iċ-ċirkostanzi l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-apepllant ma ġewx sostanzjati u għalhekk l-appell jimmerita akkoljiment.

**12.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux ħati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u b’hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------